# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 228/2015

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Prof. Albert Fenech**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Prof. Albert Fenech, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 817451(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Lulju, 2011 gewwa The Elms, Flat 13, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema u fil-jiem ta' qabel ezercita jedd li jippretendi li ghandu, abbusivament u illegalment biddel sellatura tal-bieb ta' l-appartament li b'hekk cadat access lil Michel Vat u Carla Winter milli juzaw l-imsemmija residenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 t' April, 2015, li biha ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu talab

lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u minflok tghaddi biex issib htija kontra l-appellat;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Qabel kull konsidrazzjoni ohra ghalhekk tajjeb li jkun affermat dak wisq drabi dikjarat mill-Qrati taghna illi bhala wahda ta' appell din il-Qorti ma tiddisturbax il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti qabilha sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li legalment jew ragjonevolment ma setghetx tkun raggunta dik id-decizjoni. Dan japplika ugwalment ghal-appell interpost mill-Avukat Generali. Ghal dan il-ghan jokkorri ghalhekk li jsir ezami mill-gdid u wiehed approfondit tal-provi;

2. Illi dan huwa kaz ta' hekk imsejjah *raggion fattasi* kif ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Dak li ta lok ghal vertenza mertu ta' dan l-appell hija pjuttost kwistjoni semplici li inizzjat meta l-inkwilini tal-appellat sabu li s-sellatura tal-bieb tar-residenza taghhom kienet inbidlet. L-inkwilini kienu ilhom jikru dan l-appartament minghand l-appellat izda inqala' dizgwid bejniethom u rrifjutaw li jhallsu l-kera sakemm l-appellat jottempera ruhu mal-obbligi kontrattwali tieghu;

3. Kawza tad-decizzjoni tal-inkwilini, l-appellat inizzja proceduri civili kontra taghhom inkluz allura l-hrug ta' mandat ta' qbid ghall-kera dovuta. Meta l-Marixxalli tal-Qorti prosegwew bl-esekuzzjoni tal-mandat l-inkwilini ma kienux fil-fond dak il-hin u l-appellat offra li jiftah il-bieb peress illi kellu cavetta zejda. Wara li saret id-debita deskrizzjoni tal-oggetti maqbuda l-appellat biddel is-sellatura b'mod allura li issa l-inkwilini ma kellhomx aktar access ghal dan il-fond;

4. Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi mill-elementi kollha li jsawwru dan ir-reat ma kienitx tirrizulta l-intenzjoni kriminuza tal-appellat biex jaghmel dak li huwa rizervat ghall-process legali mill-awtoritajiet. Ghall-ahjar esposizzjoni tal-elementi ta' dan ir-reat, qed issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768), segwita kostantement u b'mod ininterrott mill-Qrati taghna. L-insenjament emergenti minn din is-sentenza hu li r-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Matul is-snin dawn l-elementi assumew xi tibdil fil-mod kif inhuma deskritti, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mis-sustanza taghhom. (ara per ezemplari Il-Pulizija vs Carmel mgharuf bhala Charles Farrugia App Krim 17.2.1995; Il-Pulizija vs Reno Micallef App Krim 6.6.95 u Il-Pulizija vs Mark John Sciberras App Krim 18.9.2002;

5. L-ewwel element: att estern li **jispolja** lil xi hadd minn xi haga li ikun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor. Huwa fatt inkonfutabbli illi l-kwerelanti kienu jikru minghand l-appellat appartament bhala residenza taghhom. Ghalkemm kienu interpellati jirrilaxxjaw il-fond dawn baqghu jirritjenu l-pussess tieghu tant li fil-mument meta infetah mill-appellat, kellhom hwejjighom u l-ghamara taghhom kollha fih u kien qed isir xi xoghol ta' zebgha fuq xi ghamara. Il-bdil tas-sellatura u d-dikjarazzjoni tal-imputat appellat stess li kien fil-fatt ghamel hekk minghajr ma ghadda kopja tac-cavetta l-gdida lill-inkwilini

huwa prova ta' dan bhalma hi ukoll id-deskrizzjoni tal-oggetti maqbuda mill-Marixxali tal-Qorti fl-istess appartament;

6. Fit-tieni element jehtieg li tkun pruvata: <u>il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt</u>. Meta l-appellat dahal fl-appartament li, f'dak iz-zmien kien ghadu fil-pussess tal-kwerelanti, u ra hwejjighom kollha mqieghda f'kaxxi fehem illi kienu ser johorgu mill-fond u jeludu d-dritt tieghu li jippercipixxi l-kera dovuta mertu tal-proceduri civili. Il-fehma tieghu kienet msahha b'karta li sab fuq skrivanija li kienet tghid *"see you in court"*. Kien ghalhekk li biddel is-sellatura sabiex l-kwerelanti ma jergghux jidhlu fil-fond u johorgu l-oggetti maqbuda. Haga din li tinkwadra perfettament fit-tieni element ta' dan ir-reat;

7. Tlett Marixxalli tal-Qorti xehedu illi jekk inbidlet is-sellatura din certament ma saritx fil-presenza taghhom u ghalhekk zgur li mhux fuq ordni taghhom kif ukoll wara li telqu minn fuq il-post fejn ezegwew il-mandat ta' qbid. Lanqas ma inghataw kopja tac-cavetta l-gdida u kienet l-intenzjoni tal-appellat li bl-agir tieghu jipprezerva l-assi gewwa l-fond li setghu jiggarantixxu is-sodisfazzjon tal-kreditu tieghu kif ukoll li l-inkwilini ma jkollhom ebda access iehor biex jibqghu jghixu f'dak il-fond. Il-konsegwenzi tal-agir tieghu kienu prevedibbli u evidenti u ghalhekk kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi "*aktarx iva milli le, l-imputat, fil-mument li huwa biddel is-serratura, li kien qed jaghmel ghamlu fil-kuntest ta' l-awtorita' tal-Qorti in segwitu ghall-mandat ta' qbid li kien inhareg u gie esegwit. Din ic-cirkostanza specjali, fil-fehma kunsiderata ta' din il-Qorti, tinnewtralizza l-element intenzjonali".* Il-prova tal-intenzjoni hafna drabi hija derivanti mill-fatti innifishom u f'dan il-kaz ma humiex nieqsa u juru b'mod inekwivoku <u>il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita pubblika</u> igifieri it-tielet element tar-reat. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Il-

Pulizija vs Salvina mgharufa Silvia Incorvaja tal-25.7.1994, l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali "*huwa intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta' mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika*"; Skond il-Carrara – *"L atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispette di che non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale" (*Prog Parte Speciale Vol 5 para 2850);

8. Kif spjegat fis-sentenza Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App Krim 15.11.1996, "*Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "Quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il-quale sarebbe costituito dal fine de esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il-fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se' medesimo, e siccome questo "farsi ragione ecc." Non e' un quid che sta al di la' del fatto che costitusico il reato, ma il fatto medesino (azione ed evento), il-dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico" (Antolisei, F.,* ***Manuale di Diritto Privato – Parte speciale, Vol II, Giuffre' (Milano)*** *1986, p.968)"*. U b'din il-konkluzzjoni dwar l-element intenzjonali isegwi l-ezami dwar ir-raba' u l-ahhar wiehed;

9. Rilevanti d-deposizzjoni tal-appellat a fol 131 meta jghid illi l-pjan tal-kwerelanti kien ovvju, jigifieri li kienu ser jizgumbraw l-appartament qabel ma tintemm il-kirja u b'hekk ma jkollu xejn x'jissekwestra meta jsibu vojt. Il-hsieb tieghu ghalhekk kien wiehed car u preciz, li jipprevjeni d-dhul tal-kwerelanti fl-appartament;

10. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi r-reat aktar gravi ossia, kif ahjar ritenut fis-sentenza Bonavia citata *supra,* li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Anke hawn, tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza Mario Lungaro fejn fi ftit kliem kien puntwalment spjegat hekk: "Hu risaput – u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent". L-eghmil tal-appellat fil-kaz hawn skrutinat kien wiehed kif gia intqal, igifieri li jxekkel l-access tal-inkwilini ghall-fond in kwistjoni u dan l-agir ma jinkwadra f'ebda reat aktar gravi;

11. Ghalhekk kienu jirrizultaw l-erba' elementi kostitwenti dan ir-reat u l-ewwel Qorti ma setghetx legalment tikkonkludi li ma kienx jirraviza r-reat kontemplat fl-artikolu 85;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, qed issib lill-appellat hati ta' ksur tal-istess artikolu u tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' mitejn euro (€200.00)

13. Wara li staqsiet lill-partijiet jekk dan l-ispoll ghadhux vigenti u rrizulta fin-negattiv, tastjeni milli tohrog ordni ghat-treggieh lura ghall-istat li fih kienu jinsabu l-kwerelanti qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll.